**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 22ta' Marzu 2001.

Pulizija
Spettur Raymond D'Anastas

Vs

Stephen (Stephen Paul) Busuttil

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen (Stephen Paul) Busuttil ta' 32 sena, bin Carmel u Joan Borg Mallia imwieled H'Attard fit-28 ta' Dicembru 1968, u residenti St. Anthony Flats, 1, Triq Giacint Tua, Gzira ID Card numru 0038169(M);

Talli fit-28 ta' Dicembru 2000, ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' filghodu, gewwa San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan fuq vettura numru ATP 242 tal-marka Opel ghad-dannu ta' Mark Micallef minn B'Kara liema hsara ma' tiskorrix il-hames mitt lira maltin imma hija aktar minn hamsin lira maltin;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.

Wara illi rat l-Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-istess imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara illi semghet lil Mark Micallef bil-gurament, qeghda ssib lill-imsemmi Stephen (Stephen Paul) Busuttil, hati u qed tilliberah bil-kondizzjoni illi ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, u a tenur tal-Artikolu 5 tal-kapitolu 152, fuq l-ewwel akkuza u l-istess fuq it-tieni akkuza, qeghda tordna lill-imsemmi imputat sabiex jghaddi l-ammont ta' erba' mitt lira maltin (Lm400) lill-Legali tieghu li di torna jghaddi dan l-ammont lil Mark Micallef, u dan fiz-zmien gimgha mil-lum, u fin-nuqqas ghandu jerga' jigi arrestat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.